IL-BIRGU
Città Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa
## tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 65

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **l-Erbgħa 6 ta' Diċembru 2023**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**65.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

65.1.1 Ebda talba ta' apoloġija.

**65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa 64.**

65.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 64 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera, approvaw il-minuti unanimament.

**65.3 Korrispondenza**

65.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Ambjent Malta dwar l-istima tax-xogħol pjanat għad=daħla tal-Birgu fejn jinsab il-monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Is-Sindku spjega kif din iż-żona bil-ħamrija se ssir kif suppost bil-ħaxix u fjuri.

65.3.2 Preżentata ittra mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Michael Cohen minn Transport Malta sabiex Triq Ġużeppi Decelis tkun riservata għar-residenti biss bil-ħin bħal żoni oħra fil-Birgu.

65.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-pagamenti bil-quddiem għall-żewġ skemi li l-kunsill lokali se jkun qed jieħu fondi għalihom. Is-Sindku qal li se jkun qed jitkellem mal-Kumitat tal-Festa ta' San Duminku sabiex l-arbli fuq il-pont fid-daħla tal-Birgu ma jintramawx aktar la darba ssir bankina ġdida u jiġu nstallati l-bollards.

65.3.4 Preżentat Memorandum of Understanding li ġie ffirmat bejn il-Kunsilli Lokali tal-Kottonera u l-Kalkara flimkien mal-Fondazzjoni eSkills.

65.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2024. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera qablu li din terġa' tiġġedded.

65.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sinjura Doreen Borg Zammit mill-Malta Libraries dwar il-ħinijiet tal-ftuħ ta-Librerija Reġjonali tal-Birgu.

65.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta lis-Sinjura Angele Borg bil-*Performance Appraisals Report* Q1 u Q2 tal-ħaddiema tal-*Community Workers Scheme* li fuqhom jinħadem il-*Performance Bonus* ta' dawn il-ħaddiema. Is-Sindku spjega li kulħadd se jieħu dak li ħaqqu, skont ix-xogħol li twettaq minn dawn il-ħaddiema matul is-sena. Is-Sindku fakkar b'liema mod kien trattat fil-ġimgħa tal-Birgufest meta dawn il-ħaddiema ma ridux jarmaw għal din l-attività. Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli issekonda d-diskors tas-Sindku u qal li hu kien preżenti meta dawn il-ħaddiema argumentaw mas-Sindku dwar il-Birgufest. Is-Sindku qal li s-Sur Jimmy Camenzuli, ħaddiem tal-RSSL, m'għandux jibqa' mal-kunsill lokali tal-Birgu. Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-proposta tas-Sindku u għaldaqstant is-Sur Camenzuli ma' jibqax il-Birgu minn Jannar 2024.

65.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Onor. Prim Ministru ta' Malta Dr. Robert Abela b'risposta għall-ittra mibgħuta minnu stess sabiex iserraħ ras kulħadd li l-marina f'Sally Port mhux se ssir.

65.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-President tar-Reġjun Port sabiex il-kunsilli lokali tal-Kottonerna u l-Kalkara, jingħataw is-somma ta' €13,636 kull wieħed, għall-attività konġunta ta' lejlet l-ewwel tas-sena.

65.3.10 Preżentata korrispondenza/*press release* mibgħuta mill-Birgu Regatta Club dwar l-art ta' quddiem il-klabb tar-regatta.

65.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Enzo Cachia dwar l-applikazzjoni b'referenza GS/50021/2023 bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-Kumitat Festi Esterni San Duminku sabiex jingħataw fondi mid-*Development Planning Fund*. Is-Sindku qal li l-Kumitat ta' San Duminku applika għal ammont aktar milli jistgħu jingħataw fondi lill-NGOs u għaldaqstant se jkunu qed jingħataw inqas milli għandhom bżonn. Is-Sindku għalhekk propona li l-fondi li jonqos għall-proġett li applikaw, jingħataw mill-fondi allokati lill-Kunsill Lokali tal-Birgu minn dan il-fond. Il-kunsilliera preżenti qablu u approvaw ma' din il-proposta.

65.3.12 Preżentat ftehim ġdid (*Lease Agreement*) għall-art bejn il-Kulleġġ De La Salle u Block F fi Triq Peppi Vella, Fuq tal-Ħawli, il-Birgu, mibgħut mill-Awtorità tal-Artijiet. Dan il-kuntratt se jkun għal ħames snin u ħlas (kera) ta' ħames mitt Ewro (€500) fis-sena. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li dan jiġi ffirmat.

65.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku ta' Matera, fl-Italja sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jattendi għal tliet ijiem konferenza f'għeluq it-30 sena minn meta Matera ġie rikonoxxut bħala wirt tal-UNESCO. Is-Sindku qal li għal din il-konferenza se jkunu qed jattendu s-Sindku, l-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

65.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Surġent tal-Għassa ta' Bormla għal No Objection għall-purċissjoni tal-Bambin organizzata mill-Knisja tal-Lunzjata. Is-Sindku qal kif għal darb'oħra, il-Pirjol tal-Kunvent talab No Objection mill-Kunsill Lokali wara li ġab permess mingħand il-Pulizija u qal li din mhix il-prassi ta' kif suppost imorru l-affarijiet.

65.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Emeline Fenech għal Infrastructure Malta dwar ix-xogħol fuq il-bini mill-ġdid ta' Triq il-Kunvent, Bettina, Miratur u Post is-Sagra Infermerija. Is-Sindku qal li ntbagħtet ittra lis-Sinjura Fenech sabiex mal-programm tat-toroq, tiġi wkoll inkluża Triq Nestu Laiviera li trid issir wara li jitlesta l-proġett tal-Pjazza tal-Birgu.

65.3.18 Preżentata l-korrispondenza kollha marbuta ma' Triq Wenzu Attard fejn inħareġ il-permess kemm mill-Awtorità tal-Ippjanar kif ukoll minn Transport Malta sabiex din it-triq tkun pedonali biss anke ħabba l-fatt li l-pavimentar għadu dak oriġinali. Is-Sindku qal li aktar tard is-sena d-dieħla, jitwaħħlu l-bollards u t-tabelli sabiex din it-triq tkun aċċessibbli biss għan-nies.

N.B. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel talab li jkun skużat minħabba x-xogħol.

**65.4 Proġett tal-Pjazza tal-Birgu**

65.4.1 Preżentati l-pjanti finali tad-disinn tal-Pjazza tal-Birgu maħruġa mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għall-approvazzjoni tal-kunsill lokali. Dawn il-pjanti ġew riveduti skont ix-xewqat tal-kunsill lokali u l-*feedback* li ngħata mir-residenti.

65.4.2 Il-Viċi Sindku qal li t-tarġa li hemm quddiem il-każini tal-Partit Laburista u tal-Banda San Lawrenz, ser tagħti lok sabiex l-imwejjed u s-siġġijiet ma jitneħħewx f'okkażjonijiet speċjali fosthom il-Festa ta' San Lawrenz u għaldaqstant ma jaqbilx u joġġezzjona ma' din it-tarġa li sservi ta' platform permanenti għall-ħwienet u qal li jekk din issir, il-ħanut ta' D Centre ma jneħħihx l-imwejjed, siġġijiet u platform fil-festi. Is-Sindku qal li fil-proposta oriġinali, l-ispazju tal-imwejjed u s-siġġijiet tal-ħwienet kellu jkun indikat fid-differenza tal-

kulur tal-pavimentar li ser jitpoġġa. Għaldaqstant, se jkun qed jitkellem mal-Awtorità tat-Turiżmu għall-kjarifika fuq din il-materja. Min-naħa l-oħra, il-kumplament tad-disinn tal-Pjazza tal-Birgu intogħġob mis-Sindku u l-kunsilliera preżenti. Is-Sindku qal li se jkun qed jagħmel talba biex fiż-żona li fiha se jinkixef il-pedament tat-Torri tal-Arloġġ, issir funtana.

**65.5 Proġett ta' Triq Wenzu Dyer, Lvant u Melchiorre Gafà**

65.5.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Ministeru tal-Enerġija sabiex issir laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar ix-xogħlijiet li se jsiru fi Triq Wenzu Dyer, Triq Melchiorre Gafa u Triq il-Lvant. Is-Sindku spjega li fis-sena li ġejja se jinbeda x-xogħol f'dawn it-toroq fejn se jkun qed jinqala' l-pavimentar l-antik, jgħaddu s-servizzi mill-ġdid li huma meħtieġa u l-pavimentar jerġa' jitpoġġa kif suppost.

65.5.2 Is-Sindku spjega wkoll kif il-Korporazzjoni tal-Ilma se tkun qed tagħmel xogħol simili fi Triq l-Antika bid-differenza li l-wiċċ tat-triq mhux se jinqala kollu u jerġa' jitpoġġa u għaldaqstant talab laqgħa mal-Ministru Stefan Azzopardi Zrinzo sabiex din it-triq issir kollha u kif suppost.

**65.6 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

65.6.1 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-podium il-ġdid ġie ordnat hekk kif kien maqbul fil-laqgħat preċedenti tal-kunsill.

65.4.2 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-kunsilliera l-ħinijet tal-punch clock tal-ħaddiema u qal li uħud minnhom għamlu żmien ma jippanċjawx malli jidħlu għax-xogħol. Is-Sindku qal li aktar 'l quddiem, il-ħaddiema reġgħu bdew jippanċjaw.

65.4.3 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni għal *cabinet* żgħir flimkien ma' diversi aċċessorji oħra għas-sala ta' fuq tal-Berġa ta' Franza relatati mas-sistema tas-sound. Din il-kwotazzjoni kienet għolja ħafna u għaldaqstant ma ġietx approvata.

65.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli ġibed l-attenzjoni li l-poġġaman fi Triq it-Torri ta' San Ġwann baqa' ma tkompliex mill-kumpanija Amabile Galea. Is-Sindku qal li ntbgħatet email biex tkun bil-miktub li l-kunsill qed jiġri wara l-kumpanija li għandha tagħmlu biex jekk jinqala xi ħaġa, kulħadd jerfa' r-responsabilità tiegħu.

**65.7 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

65.7.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-approvazzjoni **l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 60** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru, **BOV 6457 sa BOV6461** flimkien ma' ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskedi preżentati.

**65.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

65.8.1 Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8:30pm). Id-data għal-laqgħa li jmiss ser tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Konfermati llum:

John Boxall
**Sindku**

Christian Lawrence Raggio Vella
**Segretarju Eżekuttiv**